MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1383/2004

**Frans u Josephine konjugi Galea**
**(ID card numru 546727(M) u**
**487132(M) rispettivament)**

**Vs**

**John M. Micallef**
**(ID card numru 666359(M))**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti danni subiti mill-atturi b'rizultat ta' garr ta' ghamara maghmula mill-konvenut liema hsara tammonta ghal hames mija u disgha u sebghin lira Maltin (Lm579)

jew somma verjuri li ma taqbizx is-sitt mitt lira Maltin (Lm600).

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u li l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, William Borg, il-konvenut, Mario Micallef u Charles Cutajar.

Sema' t-trattazzjoni tal-PL Pauline Mallia ghall-atturi u Dr Carlo Bisazza ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-atturi riedu jitilqu mir-residenza taghhom is-Swieqi u jmorru residenza ohra f'Ta' Sliema izda l-post Ta' Sliema ma kienx ghadu lest u ghalhekk ftiehmu ma' William Borg li jipprovdilhom *warehouse* fejn jistghu jzommu l-ghamara taghhom fil-frattemp.

Ghal dan il-ghan l-atturi nkarigaw lill-konvenut sabiex l-ewwel igorrilhom l-ghamara mis-Swieqi ghal Guardamangia fejn kien il-mahzen imbaghad, meta l-appartament ta' l-atturi kien lest li jgorrilhom l-ghamara minn Guardamangia ghall-appartament f'Ta' Sliema.

Effettivament hekk gara u fil-fatt f'Gunju 2003 l-ghamara giet mehuda mis- Swieqi ghal Guardamangia mill-konvenut li kien assistit minn huh Mario u mill-lavrant Charles Cutajar.

L-ghamara baqghet go dan il-garage ghal bejn wiehed u iehor tmien xhur u mbaghad giet ittrasportata minn Guardamangia ghal Ta' Sliema permezz ta' zewg trakkijiet. Billi l-appartament ta' l-atturi qieghed fl-gholi, l-attur gab *crane* u ghalhekk il-konvenuti poggew l-ghamara ftit ftit go gagga u bil-*crane* din il-gagga giet imtella' sal-gholi tal-gallarija ta' l-appartament u mbaghad minn hemm l-ghamara giet imqieghda gewwa l-appartament.

Waqt din il-parti tal-konsenja, l-attur kien qieghed gewwa l-appartament li mieghu kien hemm Mario Micallef u Charles Cutajar li kienu qieghdin ipoggu l-affarijiet. John Mary Micallef kien isfel mat-trakk iqieghed l-affarijiet gol-gagga tal-*crane* u mix-xhieda minnu prodotti jirrizulta wkoll illi meta kien hemm xi bicca ghamara jew mobbli li kienet tqila, Mario Micallef kien jinzel sa hdejh u jghinu biex ipoggiha go din il-gagga.

Waqt din l-operazzjoni, l-attur kien dejjem prezenti waqt li l-affarijiet kienu qieghdin jitqieghdu gewwa l-appartament izda certa mobbilja kienet ippakkjata u hu ma qghadx joqghod jezamina l-istat u l-kundizzjoni ta’ din il-mobbilja ppakkjata.

Dak il-hin l-attur kien kuntent u fahhar lill-konvenut u lill-haddiema li kellu mieghu tax-xoghol li kienu ghamlu.

Jirrizulta wkoll illi ftit granet - bejn tlett ijiem sa gimaghtejn wara - l-attur ilmenta mal-konvenut illi fil-fatt kien hemm xi mobbilja li kellha l-hsara konsistenti fi gradenzina li kellha parti minnha mtajra, gwardarobba bil-genb milqut u bil-fuljetta mtajra, sopraporta antika li kellha erba’ ponot imtajjrin, tumble-dryer li kellha l-wicc mifqugh, side-board li kellu genb imtajjar u video-recorder li kien mifqugh. Il-konvenut cahad li huwa kien responsabbli ghal dawn il-hsarat. Huwa zied jghid illi t-tumble-dryer kien ippakkjat fil-*packing* originali u l-video-recorder ukoll kien ippakkjat go kaxxa. Cahad li ghabba xi affarijiet fuq dawn l-affarijiet jew li kkawzalhom xi hsara.

Ghar-rigward tal-hsara fil-gradenzina u l-gwardarobba l-konvenut isostni illi dan kien rizultat tal-fatt li kienu qieghdin go post umduz u li l-fuljetta kienet imbezqet ‘il barra izda ma kien hemm xejn imtajjar fihom u ghar-rigward tal-ponot fis-sopraporta antika, huwa cahad li kien responsabbli ghal dawn il-hsarat u fil-fatt, meta huwa ezamina din is-sopraporta huwa nnota li fil-fatt dawn il-ponot kienu gew mizbughin b’zebgha ndurata.

In sostenn tal-pretenzjoni tieghu, l-attur ipprezenta erba' *quotations* u cjoe' *quotation* tad-ditta Darmanin ta' *restoration of pelmet* ghal tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350), *quotation* ta' Harry Furniture ta' riparazzjoni ta' gwardarobba u side-board total ta' tletin lira Maltin (Lm30), *quotation* biex tigi rimpjazzata *plinth* ta' *lowboy* bi stima ta' disghin lira Maltin (Lm90) u *quotation* ta' riparazzjoni ghal *wood laminated top* ta' dsatax-il lira Maltin u tletin centezmu (Lm19.30c). Ma giet prodotta l-ebda rcevuta rigwardanti r-riparazzjoni.

It-Tribunal jidhirlu illi f'din il-kawza l-attur ghandu zewg ostakoli li ma rnexxielux jeghleb. F'kazijiet simili l-piz tal-prova tispetta lil min jallega u stante li l-attur qieghed jallega li l-konvenut ikkawzalu hsara, l-piz tal-prova taqa' fuqu.

Fil-kawza odjerna hemm kunflitt serju fil-provi fis-sens illi filwaqt li l-attur jghid li l-probabbilta' hija li l-hsara in kwistjoni sehhet b'rizultat tal-garr da parti tal-konvenut, da parti tieghu l-konvenut flimkien ma' huh u l-lavrant, t-tlieta li huma xehdu viva voce quddiem dan it-Tribunal u affermaw li huma garrew ix-xoghol bil-galbu u fuq l-idejn u li m'ghamlu l-ebda hsara lill-mobbilja in kwistjoni. Huma kienu sorprizi bl-allegazzjonijiet ta' l-attur.

Illi fid-dawl ta' dan il-kuntrast, it-Tribunal m'ghandux ghajr hlief li jikkonkludi illi l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfacentement li l-konvenut huwa responsabbli ghall-allegati hsarat.

Illi inoltre, minn barra dan, l-attur ghandu ostakolu iehor fis-sens illi ma rnexxielux igib prova sodisfacenti dwar l-entita' tal-hsarat minnu sofferti. Id-dokumenti minnu prodotti huma kollha *quotations*. Ghalkemm l-istadju tal-provi baqa' miftuh sa sena wara l-allegat akkadut, xorta wahda ma gietx imressqa rcevuta wahda dwar id-danni sofferti. Wiehed kien jistenna illi f'kaz simili, fi hsarat ta' dik l-entita' li jekk tigi msewwija l-mobbilja in kwistjoni jkun hemm ircevuta debita u dan *multo magis* jekk wiehed ikun bi hsiebu li jressaq l-ilment tieghu gudizzjarjament biex jitlob rifuzjoni. Lanqas m'hemm xi survey jew opinjoni

ndipendenti dwar dawn id-danni u ghalhekk anki f’dan il-kaz, jekk wiehed ghall-grazzja ta’ l-argument kellu jaccetta li l-konvenut kien responsabbli ghad-danni, xorta m’hemmx provi sufficjenti dwar l-entita’ taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------